

**Dispożittiv**

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

---

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Marzu 2017 – Fertisac vs ECHA****(Kawża T-855/16 R)****(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — REACH — Tariffa dovuta għar-reġistrazzjoni ta’ sustanza — Tnaqqis mogħti lil impriżi mikro, żgħar u ta’ daqs medju — Deċiżjoni li timponi imposta amministrattiva u tariffa supplementari — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Nuqqas ta’ urġenza”)**

(2017/C 144/65)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: Fertisac, SL (Atarfe, Spanja) (rappreżentant: J. Gomez Rodriguez, avukat)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) (rappreżentanti: E. Maurage, J. P. Trnka u M. Heikkilä, aġenti, assistiti minn C. Molyneux, avukat)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni SME (2016) 5150, tal-15 ta' Novembru 2016, li tikkonkludi li r-rikorrenti ma setgħetx tibbenefika minn tnaqqis tat-tariffi applikabbli għall-impriżi medji, u tal-fatturi maħruġa abbażi tal-imsemmija deċiżjoni, jiġifieri l-fatturi tal-ECHA Nru 10060160 u Nru 10060161, tal-15 ta' Novembru 2016.

**Dispożittiv**

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

---

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Marzu 2017 – ADDE vs Il-Parlament****(Kawża T-48/17 R)****(“Miżuri provviżorji — Finanzjament ta’ partit politiku — Dritt istituzzjonali — Garanzija bankarja — Nuqqas ta’ urġenza”)**

(2017/C 144/66)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Alliance for Direct Democracy in Europe ASBL (ADDE) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: L. Defalque, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: C. Burgos u S. Alves, aġenti)